COPY

**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 40**

**13 t'April 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Maurizio Gauci – Vici sindku
Yana Borg Debono Grech - Kunsillier
Luke Vella – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmor Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Kaylocke Buhagiar – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

40.1.1 Is- Sindku Desirei Grech staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri t'apoloġija fejn hi irrispondiet li rċeviet 2; Dik tas-Sur Kaylocke Buħagiar għax kien xogħol u s-sur Gilmour Borg avża li kien ser jitlaq kmieni mil-laqgħa.
40.1.2 Is-Sa Jade England, Is-sa Yana Borg Debono Grech u Is-sur Karl kienu għadhom ma waslux meta inbdiet il-Laqgħa.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**40.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il-minuti preċedenti nu39. Ma kien hemm l-ebda kumment dwar il minuti .

**40.2.2** Is-Sur Maurizio Gauci ppropona u s-Sa Marie Claire Zammit Bonello ssekondat il-minuti tal-laqgħa numru 39 bħala moqrija u korretti.

**40.3 Arisings mill-Minuti**

**40.3.1** Xejn

40.3.2 Is-sa Jade ingħaqdet għal Laqgħa

**40.4 Komunikazzjoni mis-sindku**

**40.4.1** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li id-dipartiment Għal Gvern Lokali ħareġ il-Pakett għall l-iskemi 2026, hija spjegat li ser inkunu qed napplikaw għall dawn il fondi.

1. **SPI/SCI/01/2026 SKEMA ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI** – Il Kunsill ser ikun għal darboħra qed japplika għat tieni edizzjoni tal-kunċert fis-Suq tar-Raħal, u ser tinżamm

l-istess data. Is-sur Alfred Attard ir-rimarka li jkun xieraq li nsemmu lil Mro. Aurelio Belli. Is-sindku Qablet ma dan il kumment.

2. **SPI/SCI/02?2026 INIZJATTIVA FINANZJARJA – LOKALITAJIET AKTAR NODFA.** Is-sindku qalet din id-darba se norganiżżaw cleanup naħa ta l-akwedotti – Triq Notabile.
3. **SPI/SCI/03/2026 ESPRESSJONI T'INTERESS FINANZJAMENT MILIED 2026.** Ser inkunu qed napplikaw għat-tielet edizzjoni ta' Milied taħt iz-Zuntier. Dati jitħabbru aktar tard.
4. **SPI/SCI/04/2026 FINANZJAMENT KARNIVAL 2027.** Ser inkunu qed nerġgħu napplikaw għal Ballu di Birchircara. Dan isir fil Ġimgħa tal-karnival.
5. **SPI/SCI/05/2026 FONDI TA' MANUTENZJONI TA' PROGETTI INFRASTRUUTURALI MAGGURI LI GEW IMWETTQA MILL GVERN CENTRALI.** Ser inkunu qed napplikaw għal fondi biex jiġi riġenerat il-pont fi triq Santu Rokku li jgħati għal sqaq nu1 fi triq il wied.
6. **SPI/SCI/06/ FINANZJAMENT KOMUNITAJIET AKTAR B'SAHHITHOM U TA KWALITA.** Is-Sindku tenniet li għal din l-iskema konna qed naħsbu biex nirriġeneraw il Latrini ta triq is-santwarju.

**40.4.2** Ħadd ma kummenta fuq dan u kien hemm qbil.

**40.4.3** Is-sa Yana Borg Debono Grech ingħaqdet fil-Laqgħa tal-Kunsill

**40.4.4** Is-Sindku infurmat lil Dawk preżenti li kellha laqgħa ma MTA rigward il-proġett tad-dawl fuq iz-zuntier tal-knisja. Hija infurmat li dawn se jistallaw sett ta 8 arbli biex ikomplu il-proġett mad-dawra tal-knisja. Hija kompliet tgħid, li hija talbet li ġaladarba kienu ħa jmissu il-bankini ikun sew li l-bankini isiru kollha u mhux patching . Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**40.4.5** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li wieħed mill-vannijiet li jaħdmu biegħ il-ħaddiema ġratlu il-ħsara u ma nistgħux insibu parts għalih allura konna kostretti li nsibu Van ieħor u nneħħu waħda mill-vetturi li għandu l-kunsill. Hija żiedet tgħid li ser inkunu qed ineħħu vettura oħra u nġiebu Van ieħor għal ħaddiema li jagħmel aktar sens.
Is-sur Alfred Attard ġibed l-attenzjoni fuq ċitazzjoni li kienet imniżżla fl-iskeda ta' pagamenti. Ġie spjegat li din ittieħdet mill ħaddiema waqt il-qadi ta dmirijiethom , saret sottomissjoni lit tribunal, iżda ġiet rifjutata.

**40.4.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li rigward skema SPI/SCI/07/2025 li l-Kunsill kien kiseb biex jiffinanzja parti mill-proġett fil ġnien John Borg. Hija qalet li l-finanzjament kien aktar

min dak mistenni u għalhekk talbet lid dipartiment sabiex jinbidel l-iskop u minflok isir riġenerazzjoni tal Venda. Pjanti u pjan huma lesti u ser jiġu preżentati. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**40.4.7** is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li rċeviet email mingħand Kan Jesmond Grech għal kappella ta Santu Rokku. Dan talab sabiex isir tisbiħ fil parapett u l-bankina ta ħdejn l-istess kappella biex mhux biss tkun estetikament isbah iżda tkun ukoll aċċessibbli għall-anzjani u nies b'diżabilità. Is-sindku qalet li ser inkunu qed naraw l-estimi mal perit u nara kif nistgħu ngħinu. Kien hemm qbil unanimu sabiex nagħtu din l-għajnuna.

**40.4.8** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li rċevejna talba mingħand il Women'sTeam għall sponsor ta €130 għal Transport. Hija qalet li bħal ma għina għaqdiet oħra ma tarax għalfejn m'għandniex ngħinu lil dawn ukoll. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**40.4.9** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li l-kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand Enemalta li ser isir xogħol ta' trenching fi triq Fleur De Lys Triq L-Indjana u Triq l-Akwedott biex jitqabbad Substation ġdid. Hija qalet li urejna id-dizappunt tagħna u li in-no objection min għandna toħroġ biss jekk l-asfalt isir almenu fuq karreġġjata sħiħa dan għal fatt li din it-triq għadha kemm saret. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.
Huma infurmaw ukoll li ser isir xi xogħol ieħor fi triq tal-Qattus, triq il-Qanpiena u Luigi Onofrio fejn gidbilhom l-attenzjoni li triq il-Qattus għadha kemm saret min WSC. Hija uriet diżżappunt għalxiex ma jkunx hemm komunikazzjoni bejn l-entitajiet. Il-kunsill mhux ha jgħati no objection jekk tarmak ma jsirx sħiħ.

**40.4.10** Ingħaqad għal-laqgħa is-Sur Karl Cutajar.

**40.4.11**. Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li is-sistema tat telefon qed tkun spiss bil ħsara u hija sistema li m'għandniex aċċess għalija. Il kunsill ġabar stimi u ser ikun qed jieħu ħsieb li jibdel is-sistema. Numri ta telefons mhux ser jinbidlu. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**40.4.12** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li irċeviet talba min għand l-għaqda Duke of Connaught's Own Band Club, talbu għajnuna finanzjarja bħall ma kienu talbu is-sena ta qabel. Hija qalet li l-ispiża ma keliiex taqbeż il €500. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**39.5.6** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li total rikavat mill-inizjattiva ta trift shop kien ta €1405 li issa ser isiru Vouchers għall cat feeders reġistrati kif ukoll fuq talba mill-Istess residenti ta Sqaq ser isir Cats lane fejn ser jinxtraw kennels għal qtates. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**39.5.7** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li nstab sponsor għal mappa turistika li ser ikun qed joħroġ ¾ ta l-ispejjeż u l-kumplament ser ikun qed joħroġhom il kunsill biex isiru tabelli fil ġonna u spazji miftuħa. Ġie mistoqsi min hu l-isponsor u s-sindku qalet is-sid ta l-unika hotel f'Birkirara,

**39.5.8** Is -Sindku infurmat lil dawk preżenti li ser tintbagħat email bit tdettalji fuq il-Launch tal Heritage Cluster, Proġetti li ġie approvat mill-kunsill u issa ser jinħareġ fil pubbliku dan sabiex anki r-residenti ikunu jafu x'ser ikun qed isir. Is-sindku saħqet l-importanza li il kunsilliera jattendu għal dan it-Tnedija

**40.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**40.5.1** Is sindku bdiet billi indirizzat mistoqsijiet mingħand is-sa Rosette Cassar.

- Aġġornament re Subway ħdejn klikk. Is-sindku spjegat li fi triq Dun karm hemm żewġ subways dik ta ħdejn l-oratorju li hija f-idejn il-kunsill u li bħalissa qed isir internal audit sabiex naraw kif u min għamel ix-xogħol peress li hemm għadd ta nuqqasijiet serji. Umbad hemm dik li tigi ħdejn il klikk. Din hija f'idejn Infrastructure malta u l-ilment kien ingħadda lilhom.
- Road markings triq il Girasol. Fuq dan il kas marru fuq il-post il ħaddiema fejn innutaw li żebgħa hija friska u tajba u fil-kas nikkomunikaw mar resident biex isir bollard.
- Road makings Triq F.S Caruana u Indri Calleja Din ta l-ahhar hemm id-double yellow line għa- garaxxijiet skont kif tippermetti l-ligi u F.S Caruana dan sar isfar għax hemm garxx u meta joħorġu minnu ma jkunux jistgħu iduru.
- Rigward IM ma rċevejna l-ebda update mill-aħħar laqgħa u l-ebda timeframe ma ġiet komunikata. Sindku qalet jekk ma jsir xejn ikollna ngħamlu stqarrija.
- Rigward charging points segretarju ezekuttiv ghaddeit il-lista

- Kif jintghażlu għalliema re couses. Sindku spjegat li għandna ħaddiema li tieħu ħsieb flimkien ma persuna li tifhem f'din il-logistika. Hija qalet ukoll li jistgħu jissurerixxu bħal ma għamlet Sa Mari Claire li qalet li hemm għalliema li tixtieq tgħati servizz.
- **Mistoqsijiet Sa Yana Borg Debono Grech**
  Is-sindku bdiet tindirizza mistoqsijiet ta Sa Yana

- Sitwazzjoni tad-dawl mal-akkwedott-meta jinxtegħel mil-kuntrattur tal-Kunsill? Is-Sindku spjegat li dan id-dawl ma jiġix tranġat mil kuntrattur tal kunsil iżda jinxtara il materjal u jinħata li MITP fi ħdan il-Public Works, sabiex jinbidlu il bozoz.
- Fanal Triq K. Galea li ilu mitfi għal ħafna xhur kif ukoll il qtugħ tal ħaxix fis-soft areas-meta ser jsir dan ix-xogħol? Is-sindku spjegat li tkellmet mal kuntrattur biex jitranġa dan il fanal iżda irriżulta li saret ħsara fil cable li jikonnetjawh meta saret it triq min entitajiet li ħadmu fiz zona u ser inkunu qed nikkuntatjaw lil min ħadem. Rigward soft areas spjegat kif l-agreement mal kuntrattur preċedenti twaqqaf sabiex jibda il kuntrattur li ġie awarded it-Tender. Issa ix-xogħol beda u qed tingħata spinta fuq il ġonna kollha u soft areas. Dan ix-xogħol ser jibqa jsir b'mod regolari f'B'Kara kollha.
- Il-Vaska ta ġnien l- ser tissewa u għaliex twaqqaf il kuntrattur? Is-sindku qalet Spjegat kif il kuntrattur kien ingaġġat by agreement fejn tali ftehim qatt ma nstab, però il kunsill baqa' jaħdem ma dan il kuntrattur. F'dawn l-aħħar xhur daħal rapport li l-Vaska ma kienetx qeda sewwa u indunajna li l-manutenzjoni ma saritx kif suppost u kawża ta hekk l-pompa inħarqet. Wara korrispondenza tlabna lil kuntrattur jirritorna il pompa sabiex tinxtara oħra u jsiru tiswijiet min naħa tagħna. kien hemm dewmien biex tiġir ritornata il pompa. Dan il kuntrattur twaqqaf ukoll għal fatt li issa taħt it tender il-ġdid hemm inkluż manutenzjoni ta water features.
- Triq Mannarino hija listed fill lista ta prijorita ma IM.
- Soft areas u żbir ta Siġar – meta huwa pjanat li jsir dan ix-xogħol? Is-sindku spjegat li issa beda il kuntrattur il-ġdid u ġa beda ix-xogħol. Hija ħeġġet lil kunsilliera sabiex jekk jaraw xi nuqqasijiet ikelmuha.

**40.6 Mozzjonijiet- Mozzjoni No.1 2026 Riġenerazzjoni tal-Bankini.**

40.6.1 Is-sindku stiednet lis-Sa Rosette sabiex taqra il mozzjoni li ppreżentat. Is-sa Rosette spjegat li l-iktar ilment komuni hu il kundizzjoni disastruża tal bankini u għalhekk jeħtieġ li jsir pjan sabiex jiġu irranġati il bankini.

40.6.2Hija saqsiet għandiex taqra il-mozzjoni fej is-sindku qalet li segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja lil kulħadd. Il membri qablu li qraw din il mozzjoni.

40.6.3 Is-sindku hawn qalet li xtaqet tinnota nuqqasijiet f'din il Mozzjoni sabiex tiggwida lil Kunsill fil-parametri legali hekk kif tistipula il Liġi tal kunsilli lokali. Skonta artiklu 23 tas sitt skeda

din il mozjoni hija invalida għaliex l-ebda deċiżjoni li tittieħed min kunsill ma tistax titħassar jekk mhux b'reżoluzzjoni li tiġi iffirmata min għal l-inqas żewġ membri.

*23.(1) Deċiżjoni (sew fl-affermattiv jew negattiv) tal-Kunsill m'għandhiex titħassar sa sitt xhur ħlief jew b'riżoluzzjoni speċjali, liema notifikazzjoni tagħha tkun miktuba u ġġib l-ismijiet tal-anqas żewġ membri tal-Kunsill, jew b'riżoluzzjoni mressqa skont ir-rapport jew rakkomandazzjoni ta' kumitat jew sotto-kumitat.(2) Meta riżoluzzjoni speċjali jew xi riżoluzzjoni oħra mressqa skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' din l-ordni permanenti tgħaddi, l-ebda riżoluzzjoni simili ma tista' titressaq fi żmien sitt xhur oħra.*

**40.6.4** Fuq dan il-punt din il-mozzjoni hija **inammissibbli**. Madanakollu, is-Sindku kompliet tgħid li hija tagħraf il-kontenut u li tali pjan qed jiġi attwat skont il-pjan ta' ħidma li kien ippreżentat fil-Kunsill. Il-bankini qed isiru mhux mill-fond tal-Kunsill iżda b'kollaborazzjoni mal-Public Works u hekk ma nkunux qed inbażwru l-allokazzjoni. Hija ppreżentat estimi maħduma mill-perit tal-Kunsill għall-bankini li diġà applikajna għalihom mal-Public Works. Meta tikkunsidra t-total ta' dawn l-estimi, dawn jieħdu kważi t-total tal-allokazzjoni. Hija saħqet li meta jiġu ppreżentati proposti irridu nkunu realistiċi. Is-Sindku rrimarkat li għalkemm il-qagħda finanzjarja mhix imwiegħra, xorta għadu qed jirkupra minn infieq li sar fl-amministrazzjoni preċedenti u ma tixtieqx li proposti bħal dawn jibqgħu fuq l-ixkaffa minħabba nuqqas ta' fondi

**40.6.5.** Is-Sur Karl Cutajar ma qabilx ma' dan il-punt għax skont l-aħħar rapport finanzjarju l-Kunsill kien jidher sejjer tajjeb u m'aħniex inħallsu spejjeż antiki iżda spejjeż rikorrenti. Is-Sindku tenniet li hija mhux hekk qalet, u sostniet li l-Kunsill mhux qiegħed f'qagħda mwiegħra iżda għadu qed iħallas kredituri antiki.

**40.6.6** is-sindku konkludiet fejn qalet li abbażi tal punti kollha li semmiet din il mozzjoni hija inamessibli u ma tistax tigi prezentata.

**40.6.7** Is-Sa Rosette xtaqet tikkumenta fuq il-punti tas-Sindku. Hija qalet li ressqet din il-mozzjoni; kien hawn li s-Sindku kkorreġiet li s-Sa Rosette kellha tressaq **riżoluzzjoni** u mhux mozzjoni sabiex tirrevedi l-baġit. Is-Sa Rosette talbet biex tingħata ċans titkellem. Hija kompliet fuq is-sustanza tal-mozzjoni fejn qalet li skont l-Art. 33.1 tal-Liġi tal-Kunsilli, waħda mill-funzjonijiet tal-Kunsill hija l-manutenzjoni tal-bankini.

**40.6.8** Is-Sindku irrimarkat li dan diġa qed isir.

**40.6.9** Is-Sa Rosette reġgħet saħqet li dan hu dmir tal-Kunsill u bħalma jinstabu fondi għall-affarijiet oħra, għandna nsibu wkoll għal dan

**40.6.10** Is-Sa Jade rrimarkat li hija ilha titlob biex issir bankina fi Triq l-Għabex u s-Sur Karl Cutajar tenna li dan kellu jsir mill-Kunsill. Is-Sindku reġgħet fakkret li biċċa bankina tiswa eluf tal-liri u ma jagħmilx sens li nbażwru l-allokazzjoni meta nistgħu nieħdu għajnuna mill-Public Works.

**40.6.11** Is-Sur Karl hawn irrimarka li allura hekk inkunu qed nitilfu l-iskop u nkunu biss Kunsill tal-kultura. Is-Sindku saħqet li l-Kunsill ma jieqafx jaħdem u jindirizza l-ilmenti ta' kuljum u stednitu sabiex jersaq il-Kunsill u jara l-ħidma mill-qrib. Huwa baqa' jissostni li l-Kunsill għandu flus biex jagħmel tali xogħol. Is-Sindku baqgħet tisħaq li l-Kunsill ma jistax jagħmel dawn l-ispejjeż u s-Sur Karl staqsa kif allura Kunsill preċedenti għamel il-bankini.
Is-Sindku qaltlu li l-bankini dejjem saru minn skemi u kien hemm każijiet ta' double funding, li huwa ksur tal-liġi. Is-Sa Marie Claire sostniet dak li qalet is-Sindku.
Is-Sur Maurizio irrimarka li manutenzjoni fuq il-bankini issir ukoll.

**40.6.12** Id-diskussjoni baqgħet għaddejja bejn il-membri tal-Kunsill fejn is-Sindku stednet lis-Sur Karl jiġi l-Kunsill jara x-xogħol li jsir mhux għall-kultura biss. Is-Sur Karl sostna li l-uniku fondi li tnaqqsu mill-allokazzjoni kienu biss tipping fees.

**40.6.13** Is-Sa Rosette reġgħet talbet biex tkompli titkellem fejn tenniet li x-xewqa tar-residenti mhix qed tiġi mismugħa.

**40.6.14** Għal dan is-Sindku widdbet lis-Sa Rosette u qaltilha li x-xewqa tar-residenti qed issir diġà u talbitha ma ddawwarx id-diskors..

**40.6.15** Is-Sa Rosette talbet biex tingħata ċans titkellem u qalet li hija riedet taqra l-mozzjoni. Is-Sindku qaltilha li tista' taqra, iżda hija diġà indirizzat il-punti kollha u teknikament din il-mozzjoni skont il-liġi setgħet ma telgħatx, madana kollu xorta ħalliet lok biex tiġi diskussa.
Is-Sa Rosette tenniet li għandha tingħata importanza lis-sustanza tal-mozzjoni, fejn is-Sindku

rrimarkat li dan diġà qed isir u se jibqa' jsir. Is-Sa Rosette baqghet tisħaq li ir-residenti haqqhom pjan fej is-sindku reġat tenniet li dan il pjan kien qed jigi attwat.

**40.6.16** Is-sindku irrimarkat li ir resident ma ħaqqmox iżda, toroq imfarka, fejn saħqet li għajjiet tmur titkellem u stednithom biex imorru magħha jagħmlu pressjoni.
Għal dan qamet diskussjoni fejn is-Sa Yana qalet li hi qatt ma kienet mistiedna u ma kellha l-ebda problema tmur, iżda s-Sindku għażlet li tieħu lis-Segretarju Eżekuttiv magħha.

**40.6.17**. Isindku widdbet sabiex ma jibqax isir għajjat u tenniet sabiex tikompla il laqgħa.Is-sa Rosette talbet biex tinqara il mozzjoni u jittiehed il-vot izda is-sindku qaltla li ma jistax jittiehed vot ghall fatt li l-mozzjoni hija inamessibli. Is-sa Rosette qalet li nofs siegha qabel kienu bidlu deċiżjoni u dan il-kas hu l-istess. Is-sindku qalet li dik skema u mghandiex xtaqsam.

**40.6.18** Sindku kompliet bil laqgħa

**40.7 Rapporti**

**40.7.1** Is-Sindku staqsiet lis-segretarju Ezekuttiv kienx hemm rapporti u hi rrispondiet xejn.

40.7 2 Is-Sa Rosette baqgħet tinsisti biex isir il-vot, iżda s-Sindku qaltilha għal darb'oħra li din kienet **inammissibbli** u kienet qed tisfurzaha li titlobha titlaq mill-kamra sabiex il-laqgħa tkompli.
Għal dan qamet diskussjoni oħra fejn il membri tal partit laburista tennew li ma tħallewx jitkellmu u għaldaqstant ma kellhomx għalfejn jibqgħu.
Is-Sa Yana, is-Sur Alfred, is-Sur Karl, is-Sur Stefano, is-Sa Rosette u s-Sur Gilmour ħarġuu mill kamra qabel temmet il-laqgħa.

40.7.3 Laqgha ġiet sospiża. Kien hemm stennija ta' 10 minuti skont il-Ligi. Kap 363 art 43 tas-6 skeda, sakemm jerġa jintlaħq Quorum.

40.7.3 Is-sur Kaylocke Buħagiar ingħaqad fil laqgħa u stqarr li issa lesta mix xogħol u baqa ġej. Hu kien bagħat ittra t'apologija lis-segretarja.

40.7.4 Laqgħa kompliet perss li kien hemm Quorum

### 40.8 Amministrazzjoni

40.8.1 Sindku staqsiet jekk kienx hemm items fejn segretarju irrispondiet xejn

**40.9** Is-sindku Staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti dwar l-iskedi ta pagamenti. Ħadd ma ikkummenta u dawn ġew approvati bejn dawk preżenti.

**40.9.2** Is is-sur Luke Vella approva u is-Sa Jade issekondat l-iskedi ta pagamenti bħala korretti.

**40.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**40.10.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 7.15 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Dati tal-laqgħat li jmiss ġew skedata għal nhar it-Tnejn 4 ta Mejju u 11ta Mejju fejn dawn ser ikunu il-laqgħa tal-Vot fis 6pm u dik statutorja issir nhar it tnejn 18 ta Mejju 2026 fis 6pm

Iffirmati

______________________

Christine Jo Mansueto